Minuti tal-laqgħa numru erbatax (14) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet fuq facebook messenger illum 5 ta' Mejju 2020 fil-5.30pm.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Omar Farrugia | Sindku |
| | Grace Marie Zerafa | Viċi Sindku |
| | Jonathan Dingli | Kunsillier |
| | Owen Sciberras | Kunsillier |
| | Henry Zaffarese | Kunsillier |
| | Nathan Aquilina | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |
| | Anthony Bonello | Deputat Segretarju Eżekuttiv (DSE) |

### 14.01 Talba

Is-Sindku, Omar Farrugia qal it-talba u ppresjeda l-laqgħa.

### 14.02 Qari ta' Ittri ta' apoloġiji

Ma kienx hemm.

### 14.03 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa preċedenti.

Il-minuti sarulhom il-korrezzjonijiet mis-Sindku, il-Viċi Sindku u Henry Zaffarese.

Dawn telgħu għal vot wara li kienu proponuti mis-Sindku u ssekondati mill-Viċi Sindku u kien hemm qbil unanimu.

**Punti mill-Minuti:**

**14.03.01** Grace Marie Zerafa semmiet il-laqgħa li nżammet mal-Ministru tal-Edukazzjoni, l-Onor Owen Bonnici, ftit tal-ġimgħat ilu. Hija qalet illi dwar it-talba f'isem il-Kunsill u s-soċjetajiet dwar l-**eżenzjoni tal-ħlasijiet tas-sala tal-iskola** jidher li kien hemm żblokk pożittiv.

**14.03.02 Il-kaxxa s-safra** li timpedixxi lil min jipparkja quddiem remissa **fi Triq il-Parroċċa**, issa ġiet stabbilita li tinsab quddiem dik tal-bieb aħmar u mhux quddiem ta' ħdjeha tal-bieb blu. Se jitpoġġa



Kunsill Lokali tal-Imqabba, 29, Triq il-Parroċċa, l-Imqabba; Tel: 21680622; E-Mail: mqabba.lc@gov.mt

parkeġġ ieħor f'din it-triq għax kif kien diskuss fil-laqgħat preċedenti, din mhix tintuża bħala garaxx minkejja li hemm imwaħħla magħha tabella 'garage – no parking'.

**Fis-6.15pm il-kunsill beda jiddiskuti l-agenda.**

**14.04 Ħatra tal-membri tal-bord tal-intervisti biex timtela' l-vakanza ta' Segretarju Eżekuttiv**

Kien maħtur il-bord tal-intervisti biex jintervista l-uniku kandidat li hemm eliġibbli għall-ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv. Dawn huma is-Sindku, il-Viċi Sindku u Owen Sciberras. L-intervista se ssir fl-uffiċċju stess nhar l-Erbgħa, 13 ta' Mejju 2020 fil-5.30pm. Segretarju tal-bord se jkun id-DSE.

**14.05 Il-kuntratt ma' Callus Garden Centre biex isir ix-xogħol elenkat fil-proġett *Green Infrastructure* – Gal Xlokk (By-pass)**

Issa li l-KLM ingħata l-approvazzjoni tad-***direct order*** biex ikun jista' jibda' x-xogħol ***Callus Garden Centre,*** id-DSE talab lill-kuntrattur il-*Bank Guarantee ta' 10%* tal-kuntratt. Is-Sindku qal illi dan se jkun qed jipprovdiha għada stess.

**14.06 Reżoluzzjoni:** ***to apply to operate all bank accounts with the Bank and to otherwise deal with the Bank via the Bank's alternative delivery channels that may currently be accessed through internet, fixed line telephony and mobile telephone***

Il-Kunsill ikkunsidra l-proposta tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u biex jiffaċilita' l-ħlasijiet fi żminijiet daqstant diffiċli tal-*Covid 19*, kull individwu se jkun jista' jagħmel użu mill-*EPOS machine* permezz ta' *Merchant Account* u għaldaqstant bil-***cards* tal-bank**. Il-proposta se tintbgħat lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali wara li kien hemm qbil unanimu fuq proposta ta' Grace Marie Zerafa li ssekondaha Owen Sciberras.

**14.07 Ħatra tal-membri tal-bord ta' evalwazzjoni tal-offerta pubblika tal-manutenzjoni u kisi tat-toroq.**

**Kienu maħtura is-segwenti biex jevalwaw l-offerta pubblika li nfetħet illum u li għaliha kien hemm bid waħda ta'** ***Ivan Borg Excavation Works.***

Kenneth Brincat – Chairperson

Omar Farrugia – Evalwatur



**Kunsill Lokali tal-Imqabba, 29, Triq il-Parroċċa, l-Imqabba; Tel: 21680622; E-Mail: mqabba.lc@gov.mt**

Jonathan Dingli – Evalwatur

Henry Zaffarese – Evalwatur

Anthony Bonello – Segretarju tal-Bord

Id-DSE se jagħmel kuntatt ma’ Kenneth Brincat ħalli jara meta dan ikun jista’ li jiltaqa’ l-bord.

**Punti oħra:**

a) Omar Farrugia tkellem dwar ix-**xogħol tal-Pjazza tal-Knisja** u qal li dan qabad ritmu ieħor u quddiem ir-*Remissa Bar* issa qabdet titpoġġa l-lava u sejrin lejn quddiem il-Każin tal-Madonna tal-Ġilju wara li qed jingħata l-konkos fil-qiegħ. Is-Sindku qal illi u se jkomplu l-konkos nhar il-Ħamis, 7 ta’ Mejju u imbgħad jitkompla l-pavimentar. Is-Sindku sostna illi x-xogħlijiet qiegħdin mal-iskeda u se jitpoġġew il-*wires* taħt l-art. Hu qal illi l-laqgħat ta’ kull ġimgħa għadhom isiru.

b) Is-Sindku tkellem dwar il-**kritika *on line* fuq il-media soċjali** mil-kunsillier Jonathan Dingli. Hu qal illi kien qed iressaq għal **vot stqarrija** li qara dak il-ħin stess.

Jonathan Dingli qal li ħadd ma jista jiċħad illi l-mejn tal-ilma ġie fil-wiċċ, id-drenaġġ mhux fi trinka għalih u qed jiskula fil-kantina għand eks ħanut tal-pastizzi fil-pjazza u d-diżinn tal-madum mhux skont il-pjanti.

Dwar din l-istqarrija tkellmu fit-tul fuqha is-Sindku u Owen Sciberras li qal illi hu se jkun qed jastjeni minħabba li ma ġiex muri garanziji tax-xogħol *(wear and tear)* u rapporti li kien hemm f’xi gazzetti li ħass li ma kienux korretti.

Is-Sindku u l-Viċi Sindku sostnew illi r-rappurtaġġ permezz ta’ posts fuq *facebook* iridu jkunu indipendenti bħalma jridu jkunu wkoll indipendenti ir-rappurtaġġi fuq il-*facebook page* tal-Kunsill.

Il-pubblikazzjoni tal-Istqarrija għaddiet għal vot u l-vot kien jaqra hekk

3 favur li tkun ippubblikata

1 kontra li tkun ippubblikata

1 astjenzjoni.

L-istqarrija qegħda tkun mehmuża għall-benefiċċju ta’ kulħadd.

c) Id-diskussjoni ssuktat dwar ir-restawr tal-istatwi ta’ fuq iz-zuntier tal-Knisja. Is-Sindku malajr ikkoreġġa li dawn mhux qed isirilhom restawr iżda manutenzjoni u x-xogħol jaqa’ taħt il-Ministeru. Is-Sindku qal li saret talba mis-Soċjeta’ Santa Marija sabiex tiġi restawrata l-istatwa ta’ Santa Marija quddiem il-każin tal-Ġilju lill-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali, liema talba ma ġietx milqugħa la mid-Direttorat tar-Restawr u lanqas mill-istess Ministeru. Fiż-żmien tal-



Kunsill Lokali tal-Imqabba, 29, Triq il-Parroċċa, l-Imqabba; Tel: 21680622; E-Mail: mqabba.lc@gov.mt

konsultazzjoni tal-proġett, dan l-imsemmi restawr kien offrut wkoll lis-Soċjeta Santa Marija jekk l-istatwa tersaq ftit il-ġewwa. Din it-talba ġiet rifjutat mill-istess Soċjeta Santa Marija.

d) Is-Sindku irrefera għall-***feeder pillars*** li se jitwaħħlu fit-triq tan-nofs. Hu qal illi għaddejja komunikazzjoni bejn il-Ministeru u l-Enemalta, peress li dawn se jkunu qed jiġu nstallati sabiex darba għal dejjem ikunu qed jitniżżlu taħt l-art il-wires tal-elettriku.

e) Omar Farrugia ta ***update* fuq il-*by-pass***. Hu qal illi din ingħatat l-asfalt fl-ewwel parti u l-ġimgha d-dieħla se jitkompla x-xogħol tal-bankini lejn il-Mentna. Hu żied jgħid illi hemm applikazzjonijiet għall-*expropriation* tal-għalqa ta' Pawlu tal-pitrolju u oħra quddiem il-gym. Dawn l-applikazzjonijiet qed jiġu diskussi bejn il-LANDS Authority, Infrastructure Malta u s-sidien infushom. Peress li dawn huma mistennija li jieħdu ftit fit-tul il-progett se jibqa' għaddej b'mod normali u t-triq ma titteħidx u dawn isiru wara.

f) Dwar it-**toqob tal-festa,** Omar Farrugia qal illi hemm minnhom li diġa' tħaffru u hemm oħrajn li jridu jiġu mħaffra. Dan kien diskuss f'laqgħa li kellu mas-soċjetajiet fejn bi pjaċir ħabbar illi fuq it-toqba ta' arblu l-kbir ta' Sta Marija kien hemm ftehim biex din tintuża miż-żewġ każini, kif ukoll it-toqob tan-nar tal-art li kienu mħalsa mis-Soċjeta Mużikali Madonna tal-Ġilju, jiġu utilizzati wkoll miż-żewġ soċjetajiet.

g) Is-Sindku qal illi l-**ġibjun** preżentement qed jitħaffer wara li t-tender ħareġ tliet darbiet għaliex għal bidu ix-xogħlijiet kienu rikjesti illi jinqata' l-blat fi blokki. Madankollu issa l-Ministeru jrid isib alternattiva biex il-blat jitqatta' bil-musmar u mhux blokka blokka. Peress li dan se jkun qed iqajjem skumdita' minħabba t-trab, Omar Farrugia qal illi ħallas għal bowser minn butu biex itaffi t-trab għal fuq ir-residenzi.

h) Is-Sindku tkellem dwar is-**cctv fuq l-i-bins ta' Triq Hal Kirkop**. Hu qal illi l-Kunsill tal-Imqabba se jkollu aċċess għall-filmat u d-dewmien seħħ minħabba problemi ta' *sim card* li kien jinħtieġ biex din titqabbad fuq l-*internet.*

i) Il-KLM kellu kliem ta' tifħir dwar il-**ħaddiema tal-*Ozo Group*** li qed jagħmlu xogħol tajjeb. Infatti se niktbu formalment biex nirringrazzjawhom tal-ħidma.

j) Grace Marie Zerafa qalet illi hemm bżonn illi l-istess ħidma tkun riflessa fil-**ħaddiema tal-RSS** u hemm bżonn li jibda' jitla' rapport tax-xogħol li qed jagħmlu l-ħaddiema tagħna tal-RSS fid-dokumentazzjoni tal-laqgħa tal-Kunsill wara li tkun saret skeda tax-xogħlijiet li jkun hemm bżonn li jsiru.



**Kunsill Lokali tal-Imqabba, 29, Triq il-Parroċċa, l-Imqabba; Tel: 21680622; E-Mail: mqabba.lc@gov.mt**

k) Is-Sindku tkellem dwar l-aħħar laqgħa fejn issemmew ix-**xogħlijiet li kienu twettqu fi Triq Mons Alfons Caruana minn *Zahra Group.*** Hu qal illi r-residenti apprezzaw immens dawn ix-xogħlijiet.

l) Kienu approvati unanimament dawn il-ħatriet fil-Kunsill taż-żgħażagħ wara li kienet għalqet id-*deadlin*e tal-applikazzjoni:

Kimberly Borg, Aaron Formosa, Mariah Costa, Isabelle Caruana, Anton Camilleri, Maya Micallef, Clint Cachia u Kiriah Micallef.

m) Kien deċiż b'vot unanimu illi l-KLM ma jindaħalx fil-proposta tad-**Dar tal-Anzjani** fl-inħawi ta' Ħal Safi, Ħal Kirkop u ż-Żurrieq.

n) Dwar il-ħtieġa li jitwaħħlu **t-tubi tal-librerija**, Owen Sciberras qal illi d-dipartiment tal-Edukazzjoni se jgħidu lill-*electricians* tagħhom biex jagħmlu dan. Infatti kien deċiż illi Owen Sciberras ikellem lis-Surmast dwar din il-ħtieġa.

o) Grace Marie Zerafa tkellmet fuq il-**Planning Gain tal-Unique Construction**. Hija qalet illi dawn ġaladarba għadhom qed joperaw u kellna nkunu nafu għaliex talbuna li nibdew niġbrulhom l-iskart tal-uffiċċju, fl-inħawi rurali, iridu jħallsu l-ammont ta' Planning Gain. Is-Sindku qal illi ktibna dwar dan u qed nistennew illi nagħmlu laqgħa mal-Awtorita' tal-Ippjanar (Joseph Borg).

p) Grace Marie Zerafa tkellmet dwar il-**ħinijiet tal-ftuħ tal-uffiċċju** fid-dawl tal-fatt illi ż-żewġ ħaddiema *full time* qed jaħdmu bit-*telework.* Hija qalet illi dawn qed ivarjaw minn ġurnata għall-oħra dan għaliex waħda mill-ħaddiema taħdem bi flexi hours. Saħqet illi l-uffiċċju jrid jiftaħ fit-8.00am għax inkella mhux se nkunu f'pożizzjoni li nittolleraw aktar it-*telework* peress li qed ingerfxu n-nies. Id-DSE se jkellem lill-Valerie Galea sabiex jara jekk il-flexi hours jistgħux jieqfu temporanjament u għalhekk tkun tista' tibda tiftaħ l-uffiċċju fit-8.00 am.

q) Grace Marie Zerafa talbet li jsir follow up dwar l-**għeluq bil-ħadid tal-aċċess tad-daħla tal-Każin tal-Futbol**. Dwar dan il-Kunsill kien kiteb lill-Awtorita' tal-Artijiet u se nibgħatu *reminder* għaliex bqajna mingħajr risposta.

r) Henry Zaffarese għamel suġġeriment biex fi Triq il-Familja Brancati jsir ***double yellow line*** mal-ħitan tas-sejjiegħ tal-għalqa minħabba d-djuq tat-triq. Hawn intqal illi din minkejja li verament hija dejqa, se tkun ta' skumdita' għar-residenti stess minħabba li jitnaqqas il-parkeġġ.

s) Henry Zaffarese talab li jsir **bins tal-klieb fi Triq il-Barrieri** jew tal-inqas jinbidel dak eżistenti għaliex jinsab miksur.



**Kunsill Lokali tal-Imqabba, 29, Triq il-Parroċċa, l-Imqabba; Tel: 21680622; E-Mail: mqabba.lc@gov.mt**

t) Henry Zaffarese talab li jsir ***bus shelter* fi Triq il-Qrendi** (triq arterja) faċċata tal-Mekkanik. Hawn intqal illi jekk mhux se ssir il-bankina, dan ma jkunx jista' jitwaħħal fit-triq.

u) Henry Zaffarese qal illi fi **Sqaq Numru 2, Triq Lanġasa** qed jieħdulhom il-**parkeġġ** għaliex hemm xi talin li qed ipoġġu l-qsari fit-triq. Hawn intqal illi jistgħu isiru l-parkeġġi minkejja l-fatt li bihom se jonqsu uffiċjalment in-numru ta' pakeġġi.

v) Henry Zaffarese tkellem fuq il-proposti ***sleeping policemen* fi Triq Ħal Kirkop**. Hu qal illi hemm bżonn ukoll li jsiru il-linji s-sofor u l-*parking bays* ukoll fl-istess triq. Dwar il-parkeġġ, ġie maqbul li trid tiġi diskussa mar-residenti kif ukoll bl-approvazzjoni ta' Transport Malta.

w) Henry Zaffarese tkellem dwar il-problema tat-**trab fi Triq tas-Sejba** fejn ir-runway tal-ajruplani. Hu issuġġerixxa illi xi kultant għandu jintbgħat bowser ħalli jxarrab it-triq.

x) Henry Zaffarese tkellem dwar il-***Cat Feeders*** u l-fatt li Kunsilli oħra qed jieħdu fondi dwar il-gaġeġ. Id-DSE se jiċċekkja dwar din l-applikazzjoni li konna ssottomettejna xhur ilu mad-Dipartiment Gvern Lokali.

y) Henry Zaffarese tkellem dwar il-propost **restawr tal-Kappella ta' Santa Katerina**. Il-KLM iddeċieda illi kemm dawn ix-xogħlijiet kif ukoll ir-restawr tan-niċċa fi Triq Santa Katerina, ma jistax isir qabel jitwettqu x-xogħlijiet quddiem il-PN Club fil-Pjazza kantuniera mal-istess triq.

z) Owen Sciberras ippropona illi tintbgħat ittra ta' ***ringrazzjament lill-Ozo Group*** tax-xogħol li qed jagħmlu it-tliet ħaddiema li ta' kuljum qed ikollhom work plan mid-DSE.

Owen Sciberras qal illi waħda mill-**istatwi ta' fuq iz-zuntier** li qed tkun mantenuta mil-Ministeru hija mgħawwġa u trid tiddritta.

Owen Sciberras qal illi reġgħu qed jitpoġġew l-**iskips fi Triq tas-Sejba.** Din id-darba tfaċċat waħda kollha msadda biex ħadd ma jkun jista' jieħu passi u jċempel lill-sidha biex din titneħħa. Kien hemm proposta sabiex il-post ikun imdawwar b'żewġ filati ġebel kif kien qabel, mal-entratura tal-emerġenza tal-ajruport, ħalli ħadd ma jibqa' jabbuża.

a1) Owen Sciberras tkellem dwar il-bżonn li tinqala' u ssir il-**bankina fi Triq Karmenu Ciantar**. Is-Sindku qal li dawn ix-xogħlijiet se jibdew wara li jitlesta l-proġett tal-Pjazza tal-Knisja.



**Kunsill Lokali tal-Imqabba, 29, Triq il-Parroċċa, l-Imqabba; Tel: 21680622; E-Mail: mqabba.lc@gov.mt**

b2) Owen Sciberras semma' l-bżonn urġenti li jitwaħħlu/jiffunzjonaw is-**cctv's speċjalment fil-ġonna** fejn hemm investiment kbir kapitali f'għamara tat-toroq.

### 14.08 Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti numru 574

Kienet approvata l-iskeda tal-pagamenti numru 574. Dwar il-kont tal-aktar minn Eur400 ta' C&G Hardware Store, il-kunsillieri talbu li jaraw il-kont permezz ta' e-mail u mil-llum 'il quddiem kull min imur jixtri irid ikollu ***purchase order*** iffirmata mis-Sindku u d-DSE.

Is-Sindku tkellem dwar l-item numru li jammonta għal Eur 2714 biex jinqala' u jerġa' jitwaħħal il-***bus shelter 'Bażilju'.*** Hu qal illi hemm bżonn li dan ix-xogħol isir biex ikun kumplimentari għal proġett tal-Pjazza. Madankollu, is-Sindku qal li tkellem mal-President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, Mario Fava, u dawn irreferewna għall-*Faces Displays*. Ix-xogħol fil-fatt beda u dan diġa' inqala. Hu qal illi għaddejjin diskussjonijiet mal-Ministeru sabiex naraw kif ser isir il-ħlas ta' dawn ix-xogħolijiet.

### 14.09 Tmiem tal-laqgħa u qbil fuq data u ħin tal-laqgħa li jkun imiss

Il-laqgħa ntemmet fit-20.45pm u l-Kunsill se jiltaqa' nhar id-9 ta' Ġunju 2020.

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 9.6.2020 minn Omar Farrugia

Deputat Segretarju Eżekuttiv Sindku



Kunsill Lokali tal-Imqabba, 29, Triq il-Parroċċa, l-Imqabba; Tel: 21680622; E-Mail: mqabba.lc@gov.mt